MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 854/2001/1

**Maria Pulis, Rosaria Grech u Angela Cassar, ilkoll ahwa Lia u l-irgiel taghhom Carmelo Pulis, Carmelo Grech u John Cassar ghal kull interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2003 wara l-mewt ta' Maria Pulis l-atti taghha gew trasfuzi f'isem Anthony Pulis, Jason Pulis, Maria Teresa Pulis, Ritienne Pulis u Paul Pulis**

***kontra***

**Anthony, Emanuel u Grezzju lkoll ahwa Lia u n-nisa taghhom Jane Lia, Grace Lia u Grace Lia ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il- Qorti -**

**Rat** ic-citazzjoni prezentata fis-16 ta' Mejju 2001 li taqra hekk -

*Premess illi Giuseppe Lia miet fit-12 ta' April 2000 kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt li qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument "A" u l-konvenuti u l-atturi huma werrieta tieghu ;*

*Premess minn meta mietet Paola omm il-partijiet u mart l-istess Giuseppe Lia fis-16 ta' Mejju 1968 imma iktar matul il-maggor parti ta' l-ahhar ghaxar (10) snin qabel il-mewt ta' missierhom l-atturi kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha tieghu ghaliex hadd mill-konvenuti ma ried jiehu hsiebu, u ghalhekk ghall-perjodu ta' zmien sa ftit qabel ma miet l-atturi kienu jiehdu hsieb missierhom u dak li kellu bzonn ;*

*Premess illi matul dan il-perjodu msemmi l-atturi u l-familjari taghhom kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet personali li kien jinkludu fost affarijiet ohra jahslulu hwejjeg, ilestulu x'jiekol, jixtrulu l-bzonnijiet kollha li kien ikollu bzonn, jghinuh fit-trobbija tal-annimali li kellu, jiehdu hsieb id-dar tieghu u l-ispejjez kollha relattivi ghall-bzonnijiet ta' Giuseppe Lia u dan bi ftehim li kien ser ikun hemm xi kumpens u remunerazzjoni ;*

*Premess illi fl-ahhar ftit xhur li Giuseppe Lia kien ghadu haj, il-konvenuti riedu lil missierhom Giuseppe Lia jghix maghhom u permess ta' testment datat 15 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro Dokument "B" ma ddispona ebda ammont ta' rikompens ghas-servigi resi mill-atturi ;*

*Peress illi ghal dawn is-servigi resi l-atturi qatt ma thallsu f'xi forma jew ohra u minkejja li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsuhom dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza ;*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi rendew servigi lill-imsemmi Giuseppe Lia ;*

*2. Tillikwida l-ammont dovut b'nomina ta' periti nominandi ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi ghas-servigi resi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata (sic) ta' Dicembru 2000, bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata mill-atturi skond il-ligi, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, u l-lista tad-dokumenti.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti presentata fil-15 ta' Gunju 2001 li taqra hekk -

*1. Illi primarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma hux minnu li gew resi s-servizzi msemmija peress illi tul l-ahhar cirka disa' snin mill-mewt ta' Giuseppe Lia kienu dejjem l-konvenuti li hadu hsieb il-bzonnijiet tieghu u dan ad eskluzjoni tal-atturi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-mertu ta' l-argument jigi accettat li qabel il-perjodu ta' cirka disa' snin qabel il-mewt ta' Giuseppe Lia l-atturi ghenu lill-istess Giuseppe Lia, l-atturi ma huma ntitolati ghal xejn bhala kumpens billi din l-ghajnuna kienet wahda minima u li kienet giet resa minnhom b'mod gratwit.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

**Rat** id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata mill-konvenuti skond il-ligi, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti, u l-lista tad-dokumenti.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet.

**Rat** is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

**Rat** l-atti l-ohra tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2009 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Rat** li ma kien l-ebda ostakolu sabiex taghti s-sentenza llum.

**Ikkunsidrat –**

L-azzjoni ghas-servigi, kif jirrizulta pacifiku fil-gurisprudenza taghna, hija bazata fid-dritt fuq il-kwazi-kuntratt.

Il-principju ewlieni llum accettat fil-gurisprudenza taghna hu li kwalunkwe servigi ghandhom jitqiesu li gew prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jirrizultawx cirkostanzi li jistabilixxu b'mod konklussiv il-gratuwita' anke meta hemm relazzjoni ta' parentela (**“Agius vs Calleja”** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958). Il-presunzjoni ta' gratuwita' ghal servigi resi fejn hemm vinkolu ta' parentela giet sostitwita bil-presunzjoni kontrarja tali li hadd ma huwa prezunt li offra s-servigi tieghu bla hlas sakemm il-kuntrarju ma jigix pruvat.

Infatti il-Qorti tal-Appell fil-kawza **“Zammit et vs Vella noe”** deciza fl-1 ta' Dicembru 1958 irriteniet hekk -

*... din il-Qorti, fit-12 ta' Dicembru 1935, in re 'Farrugia vs Caruana' irriteniet li fil-gurisprudenza anterjuri l-presunzjoni tan-'non-gratuita' giet sostwita bil-presunzjoni kuntrarja fil-kaz ta' servigi prestati bejn parenti, fejn is-servigi gew ritenuti bhala prestati 'familiaritis causa' ; imma fil-gurisprudenza aktar ricenti, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita' sia pure minhabba relazzjonijiet ta' parentela (Vol. XXIX.II.851 u Vol. XLII.I.625)*

Ara wkoll **<u>"Delicata et vs Saliba pro et noe"</u>** – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; **<u>"Attard vs Attard"</u>** – Qorti tal-Appell – 13 ta' Ottubru 1989 ; **<u>"Felice vs Vella"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 22 ta' Gunju 1875 ; **<u>"Caruana pro et noe vs Abela"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; **<u>"Axiaq vs Mifsud et"</u>** – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952 ; **<u>"Deidun et vs Poggi et"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 6 ta' Ottubru 1954 u **<u>"Vassallo vs Sultana"</u>** – Qorti tal-Appell – 11 ta' Frar 1974)

**Ikkunsidrat –**

L-atturi jallegaw illi fl-ahhar ghaxar snin qabel il-mewt ta' Giuseppe Lia missierhom, huma pprestaw servigi favur tieghu - fosthom hasil ta' hwejjeg, preparazzjoni ta' l-ikel, xiri tal-bzonnijiet, ghajnuna fit-trobbija ta' l-annimali (ghax Giuseppe Lia kellu razzett), xoghol fid-dar kif ukoll inkorrew spejjes ghal bzonnijiet li kien jehtieg missierhom.

Il-pretensjonijiet attrici huma kontestati mill-konvenuti fis-sens li mhux minnu li servigi kienu jinghataw lil missierhom b'mod regolari, u li jekk inghataw, dawn kienu minimi u fuq kollox gratuwiti.

Il-kontendenti huma lkoll ahwa, bil-konjugi relattivi taghhom. L-atturi Maria Pulis, li illum mejta, Angela Cassar u Rosaria Grech, ilkoll ahwa, jallegaw illi ghall-bicca l-kbira ta' l-ahhar ghaxar snin, huma hadu hsieb missierhom b'mod kostanti u li kienu jqassmu x-xoghol bejniethom f'dan is-sens.

Dak li din il-Qorti ser taghmel l-ewwel huwa li tistabilixxi jekk fil-fatt l-atturi ipprestawx servigi lil missierhom fl-ahhar ghaxar snin ta' hajtu bl-intenzjoni li jigu kkumpensati. Fit-tieni lok imbaghad tghaddi biex tqis jekk hemmx preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici kif huwa allegat mill-konvenuti.

**Ikkunsidrat –**

Il-persuna allegatament servuta u cioe' Giuseppe Lia miet fit-12 ta' Jannar 2000. Jidher bejn l-1990 u l-1998, Giuseppe Lia baqa' jrabbi l-annimali fir-razzett tieghu, sakemm sofra l-aputazzjoni ta' sieqa fl-1999, fejn allura biegh kollox. F'dak il-perijodu ta' tmien snin jirrizulta li kien mobbli. Jidher ukoll illi matul dak iz-zmien huwa ghamel l-operazzjoni tal-prostata u anki garrab puplesija hafifa. Jidher ukoll illi Giuseppe Lia kien indipendenti hafna u meta kien ihossu f'siktu kien imur lura r-razzett tieghu. Baqa' jaghmel hekk sakemm qatghulu saqajh u kellu juza wheelchair. Mhux kontradett il-fatt illi meta gara hekk huwa mar jghix ghall-perijodu qasir ma' ibnu Emmanuel Lia (fol. 33) u aktar tard kien rikoverat f'San Vincenz de Paule fejn miet. Jidher illi fil-parti l-kbira ta' l-ahhar xhur ta' hajtu, l-atturi ma kellhom l-ebda forma ta' kuntatt ma' missierhom tant illi huma stess jiddikjaraw illi lanqas biss kienu jafu li missierhom kien jinsab gewwa San Vincenz de Paule. Fix-xhieda taghha a fol. 28, Angela Cassar tixhed illi hija ma daritx b'missierha meta spicca bla sieq ghaliex huwa kien mar joqghod ghand huha Emmanuel Lia.

Mill-provi prodotti jidher illi fl-ahhar ghaxar snin ta' hajtu u cioe' bejn wiehed u iehor mill-1990 sal-1998, it-tliet ulied bniet ta' Giuseppe Lia - ibniet, Angela Cassar, Rose Grech u Marija Pulis - xi ftit jew wisq ikkontribwew sabiex jaqdu lil missierhom fil-bzonnijiet ordinarji tieghu bhalma kienu t-tisjir ta' l-ikel, anki l-hasil tal-hwejjeg u l-visti okkazjonali l-isptar. Izda mill-fatti jirrizulta li Angela Cassar kienet daret b'missierha aktar, meta ghal xi xhur, haditu jghix maghha go darha, li tinsab fl-istess triq fejn kien jghix missierha. Il-fatt illi l-missier kien ghamel l-operazzjoni tal-prostata u anki kellu puplesija hafifa jimporta mieghu certu kura akbar minn dik ordinarja u semplici, tenut kont ukoll tal-fatt illi Giuseppe Lia kien anzjan. Jidher illi kien hemm drabi fejn il-missier kien inkontinenti u ghalhekk Angela Cassar u zewgha kien ikollhom inaddfuh u jahsluh.

Jirrizulta wkoll li l-missier kien ukoll ghex ghal zmien qasir ghand bintu Rose Grech izda mhux ghand bintu Marija Pulis, u li fl-affidavit taghha xehdet li kienu jkunu uliedha li

ta' spiss kienu jghinu lil nannuhom fir-razzett tieghu. Huwa difficli li jigi stabbilit fir-realta' kemm fil-fatt id-decuius qatta' zmien jghix ghand bintu Angela Cassar u ghand Rose Grech. Pero' mill-kumpless tal-provi prodotti jidher illi fil-kaz ta' Angela Cassar, dan iz-zmien kien jestendi ghal xhur peress illi saritlu anki sodda gewwa s-salott tal-konjugi Cassar sabiex takkomoda lil Giuseppe Lia. Huwa pacifiku wkoll illi l-istess Giuseppe Lia ghamel zmien iehor fejn xi mindaqqiet kien imur ghand Angela Cassar u jorqod ghandha u meta jhossu f'sahhtu bizzejjed jerga' jirritorna lura fir-razzett tieghu. Din il-Qorti temmen illi it-tlett ibniet ikkontribwew f'dak li kienu bzonnijiet kwotidjani ta' missierhom bhal hasil ta' hwejjeg u tisjir ta' ikel. Dan jirrizulta anke mix-xhieda ta' girien tal-mejjet li kienu jaraw lill-imsemmija ulied bniet telghin bl-ikel u bil-hwejjeg ghand missierhom.

Din il-Qorti hija konvinta illi l-akbar kontribut sar minn Angela Cassar kif xehdu diversi xhieda matul din il-kawza. Frida Buhagiar, gara ta' Giuseppe Lia, tghid illi ta' sikwit kienet tara lil Angela Cassar u Rose Grech jehdulu l-ikel. Hija xehdet li kienet ta' spiss tara lil Johnny Cassar hemmhekk. Tixhed illi gieli kienet tara lil Giuseppe Lia fil-karozza ma' Johnny Cassar iwasslu ghaliex kien ghamel xi zmien jghix maghhom. Hija tghid illi meta ma kenitx tisma' lehen Giuseppe Lia kienet tkun taf li ma kienx qieghed jghix hemm. Hija tghid illi dan il-perjodu ta' zmien ma kienx wiehed qasir. Tghid ukoll li gieli kienet tara lil Johnny Cassar jistenna lil Giuseppe Lia quddiem ir-razzett tieghu biex jiehdu d-dar maghhom u li kien hemm drabi li anki sa nofs il-lejl dam jistenna lil Giuseppe jirritorna.

Connie Vella (a fol. 40) gara ta' Angela Cassar, tghid illi missier Angela ghamel perjodu twil jghix maghha. Hija tghid li taf li Angela Cassar kienet ghamlitlu sodda f'kamra li tigi wara il-garaxx u li mhux l-ewwel darba li kienet tidhol ghand Angela u tara lil missierha hemm fuq is-sodda. Hija tghid li kien hemm drabi li Giuseppe Lia kien imur ir-razzett tieghu u li Angela kienet tehodlu l-ikel hemm u kienet taraha anke titla' bis-sorra ta' hwejjeg ta' missierha sabiex tahsilhomlu. Connie Vella tghid li baqghet tara lil

Giuseppe Lia fir-residenza ta' bintu Angela sa ftit snin ilu u li qatt ma rat lil uliedu s-subien imorru jarawh.

Catherine Grech, li tigi bint il-gara ta' Angela Cassar, tixhed illi kienet tara lil Giuseppi ghand bintu fuq is-sodda fis-salott taghha li jinsab fuq wara ta' l-istess garaxx.

Mill-provi jirrizulta li Giuseppe Lia kien jghix f'razzett u kien irabbi l-annimali.  Huwa kien ukoll ibiegh il-bigilla.  Jidher illi ma kellux manjieri igenici tajbin u kien ihammeg kif gie gie.  Dawn xehduh it-tlett ahwa bniet Angela Cassar, Maria Pulis, u Rose Grech.

Ix-xhud Salvatore Bonavia li kien tampar Giuseppe Lia u habib tieghu, u li kien joqghod ftit il-boghod mir-razzett ta' Giuseppe Lia, xehed hekk (a fol. 48) :

*Fl-ahhar snin ta' hajtu kont nara ta' sikwiet lil Johnny Cassar jigi ghalih bil-karozza u jiehdu d-dar tieghu peress li kont naf li kien jmur joqghod hemm ghand it-tifla tieghu Angela Cassar li kienet tiehu hsiebu.  Naf ukoll li anke t-tifla l-ohra Rose Grech kienet jzommu ghandha ghal xi zmien*.

*Illi meta kont inkun ghandu ma kienx l-ewwel darba li nara lil Angela Cassar jew lil Rose Grech li kienu jgibulu l-ikel. Jiena kont narahom ta' spiss minn kien jehodlu l-ikel fil-ghodu u minn fil-ghaxija.*

*Naf li zmien ilu Giuseppi Lia kien jmur jbiegh il-bigilla b'karettun tal-idejn.  Irid nghid ukoll li ftit qabel ma miet meta kellu saqqajh maqtugha kien mar jghix ftit ta' gimghat ghand ibnu Leli izda wara sirt naf li kien ittiehed ghand tax-xjuh minn fejn miet.  Meta kien jkun marid hafna drabi kienu jkunu Angela Cassar u zewgha Johnny jiehduh l-isptar.  Jiena kont incempel ghandha jew ghand Rose Grech peress li Giuseppi kien tani t-telefon taghhom billi ghamel xi zmien ghix maghha.  Gieli anke hadtu jiena;*

In kontro-ezami Salvatore Bonavia jghid illi d-decuius kien imur xi tlett darbiet fis-sena l-isptar.  Xi sentejn qabel ma miet huwa nehha l-annimali li kellu fir-razzett tieghu.

Huwa jixhed illi fiz-zmien li kien ghad kellu l-annimali fir-razzett tieghu bintu Marija kienet tghinu jnaddafhom. Hu jghid ukoll illi l-ahwa bniet kollha kienu jzuru lil missierhom u kienu anki jehdulu xi daqsxejn ikel.

Rose Grech, bint id-decuius, tixhed li kienet tehodlu kuljum l-ikel u l-kafe Hija tghid li baqghet taghmel dan sakemm miet. (ara fol. 29) Gieli wkoll zammet lil missierha jghix maghha. Ir-ragel taghha, Carmelo Grech kien jixtrilu l-gwiez, ihammel u jgorr id-demel ghall-missier martu. (fol. 29)

Il-konvenuti jallegaw illi jekk l-atturi taw servigi dawn kienu gratuwiti. Issa kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **<u>"Felice vs Vella"</u>** (op. cit.) – *la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilment accogliersi.* Allura l-prova li l-servienti ghamlu xoghol favur is-servut bla hsieb li jigu kompensati tispetta lill-konvenuti. Tal-konvenuti kienet dik l-allegazzjoni u lilhom kienet tispetta l-prova tal-istess fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Fil-kawza tal-lum, irrizulta propju l-maqlub ta' dak li l-konvenuti allegaw.

Fil-kaz ta' Angela Cassar, irrizulta fil-fatt illi hija kellha l-intenzjoni li tithallas tas-servigi li kienet qeghda taghti lil missierha. Il-konvenut Emmanuel Lia xehed hekk -

'*Missieri kien marad u f'dan il-perjodu huwa qatt ma qal lil Mary biex issajjarlu jew tibghatlu l-ikel. Niftakar li kien talab lil Angela biex issajjarlu din kienet talbitu l-flus. Anzi niftakar li lil missieri kienet qaltlu l-precizi kliem li biex hi ssajjarlu jrid ihallasha daqs kemm jithallas Avukat u missieri kien qallha mela ma nhalsekx. Ghidli kemm trid iggibli ikel u nhallsek.'*

Lanqas gie sufficjentement ippruvat illi l-ahwa Marija Pulis u Rose Grech kienu taw tali servigi b'mod gratuwit.

L-istess Emmanuel Lia jistqarr illi kull meta ohtu Angela kienet tiehu l-ikel lil Giuseppe Lia huwa kien jikkumpensaha billi jaghtiha bciecen, fniek, tigieg u

prodotti tar-raba'. Fix-xhieda ta' Emmanuel Lia, jirrizultaw inkonsistenzi fosthom fejn fl-affidavit tieghu jistqarr li missieru kien ihallas lil ohtu Angela talli kienet issajjarlu l-*frott* tar-raba' (ara fol. 87). Fil-kontro-ezami, dan ix-xhud ighid illi *'Frott ma kienx hemm'* (ara fol. 158 tal-process). Inkonsistenza ohra li din il-Qorti irriskontrat fix-xhieda ta' Emmanuel Lia hija li fl-affidavit tieghu a fol. 87 huwa jiddikjara li missieru kienet taghtu 'bhal puplesija' izda mistoqsi hekk fil-kontro-ezami tieghu huwa rrisponda '*dik ma nafx biha jien'*. Imbaghad in segwitu, meta kompla jixhed in kontro-ezami, huwa jistqarr li missieru kellu puplesija. Mhux accettabbli ghal din il-Qorti li xhud li jippretendi li jigi emnut jistqarr li ma jafx li missieru kienet taghtu puplesija !

Min-naha tieghu, Carmelo Lia, li jigi hu id-decuius, xehed illi huh Giuseppe Lia ghex ghal xi xahrejn ghand bintu Angela Cassar. Kif ukoll li l-ahwa Grezzju u Leli kienu ghamlu xi sentejn jorqdu fir-razzett ta' missierhom. U zied li meta Giuseppe marad, kienu Grezzju u Leli li kienu hadu hsiebu.

Jidher ukoll illi kien hemm xi zmien fejn huthom Grezzju u Leli kienu wkoll daru b'missierhom.

Din il-Qorti temmen illi kemm il-bniet kif ukoll is-subien, fi zminijiet separati, hadu hsieb missierhom. Is-servigi mertu ta' din il-kawza rezi mill-bniet ghalhekk jimmeritaw kumpens xieraq. Dan naturalment bla hsara ghall-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 li se tigi trattata propju f'dan l-istadju.

**Ikkunsidrat -**

Il-gurisprudenza taghna tahseb ghall-preskrizzjoni fil-kaz ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, minkejja li l-prestazzjoni tissokta.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **<u>"Pace et vs Agius et"</u>** (1955) inghad hekk -

*… l-azzjoni ta' l-atturi hi wahda li normalment tippreskrivi ruhha fi zmien hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet ta' manteniment ikunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhix bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri b'mod illi l-kontinwita' jew ir-reiterazzjoni tas-servigi jew tas-somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni.*

Issa fil-kawza tal-lum, l-atturi qed jippretendu kumpens ghal servigi somministrati lil missierhom fl-ahhar snin ta' hajtu. Mill-provi jidher li l-atturi baghtu lill-konvenuti ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar 2001 (ara fol. 181) fejn dawn kienu interpellati jhallsu tas-servigi li l-atturi pprestaw lil missierhom.

L-atturi bdew irendu servigi lil missierhom mill-1990 sal-1998. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-preskrizzjoni kwinkwennali fil-kaz ta' servigi tibda tiddekorri mill-mument illi tali servigi jinghataw. Ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Art.2156(f) tal-Kap.16, is-servigi prestati mill-atturi bejn l-1990 u l-1995 huma preskritti. In-notifika (mhux kontestata) tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2001 kisret il-preskrizzjoni u salvat id-dritt ta' azzjoni tal-atturi ghas-snin ta' bejn l-1996 u l-1998 prattikament sentejn u hdax-il xahar. Il-prestazzjoni ta' servigi mill-atturi fis-snin 1999 u 2000 hija eskluza.

**Ikkunsidrat –**

Dwar il-kalkolu tal-kumpens relattiv ghall-perijodu in kwistjoni, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn –

1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
2) il-mezzi tal-persuna li bbenefika mill-prestazzjonijiet ;
3) il-parentela ta' l-atturi mad-decuius ;
4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius;
5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;

6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fil-11 ta’ Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **“Catania noe vs Agius”** inghad hekk –

*…minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista’ jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f’ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta’ parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta’ servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Delicata v. Saliba, deciza fit-22 ta’ Mejju 1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv.*

Din il-Qorti tabbraccja dan il-hsieb. Issa kunsidrat li s-servigi resi mill-atturi, fi grad differenti, kienu ta’ certu impenn u ta’ importanza, specjalment minhabba l-fatt illi kien ikun hemm zminijiet fejn Giuseppe Lia kien ikun ma jiflahx, u tenut kont tan-natura tas-servigi resi, il-grad ta’ parentela ta’ l-atturi u l-livell tal-hajja taz-zminijiet kif kienu fid-disghinijiet u kif inhuma llum, din il-Qorti tghid li fil-kaz ta’ Angela Cassar, il-kumpens ghandu jinhadem fuq medja hamsa u ghoxrin Ewro (€25) fil-gimgha ghal perjodu ta’ mija sebgha u sittin (167) gimgha (u cioe’ sentejn u hdax il-xahar) wara li tghid li Angela Cassar irrendiet servigi b’mod aktar frekwenti minn hutha Maria Pulis u Rose Grech. Lill-attrici Rosaria Grech din il-Qorti ser takkordalha hmistax-il Ewro (€15) fil-gimgha ghall-istess perijodu filwaqt li fil-kaz ta’ Maria Pulis ser takkordala ghaxar Ewro (€10) fil-gimgha ghall-istess perijodu.

Ghalhekk tillikwida l-hlas tas-servigi kif gej -

a) In kwantu ghall-attrici Angela Cassar –
erbat elef mija hamsa u sebghin Ewro (€4175) ;

b) In kwantu ghall-attrici Rosaria Grech –
elfejn hames mija u hames Ewro (€2505) ;

c) U in kwantu ghall-atturi Anthony Pulis, Jason Pulis, Maria Teresa Pulis, Ritienne Pulis u Paul Pulis bhala eredi intestati ta' ommhom Maria Pulis – elf sitt mija u sebghin Ewro (€1670).

**Ikkunsidrat –**

Ghar-rigward tal-hlas effettiv li ghandhom jippercepixxu l-atturi, din il-Qorti tghid hekk –

i) Il-hlas tas-servigi prestati lil Giuseppe Lia huwa dejn tal-wirt tieghu u jithallas mill-eredi tieghu.

ii) Mhux kontestat li s-successjoni ta' Giuseppe Lia hija regolata bit-testment tieghu a fol 6 u 7 tal-process.

iii) Skond dak it-testment, l-eredi tieghu kienu *Anthony, Grazio, Emanuele, Maria mart Carmelo Pulis, Rosaria mart Carmelo Grech, Giuseppa mart Grazio Lia, Vincenza mart Bennigno Sacco u Angela mart John Cassar – ahwa Lia.* Tmienja b'kollox.

iv) Tlieta minn dawn l-eredi talbu l-hlas ta' servigi prestati minnhom a favur Giuseppe Lia.

v) Il-kawza saret kontra tlieta biss mill-hames eredi l-ohra u cioe' Anthony, Emanuel u Grezzju ahwa Lia.

vi) Ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti iz-zewg eredi l-ohra Giuseppa Lia u Vincenza Sacco ma gewx imharrka, hadd mill-partijiet ma insista li jkunu parti f'dawn il-proceduri u hadd ma allega li mhumiex eredi ta' Giuseppe Lia.

vii) Ghalhekk kull wiehed mill-konvenuti Anthony, Emanuel u Grezzju ahwa Lia ghandu jhallas wiehed minn tmienja (1/8) ta' l-ammont likwidat favur l-atturi bhala servigi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, taqta' u tiddeciedi il-kawza kif gej –**

**<u>Fl-ewwel lok</u>, tilqa' <u>limitatament</u> l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kif fuq inghad.**

**<u>Fit-tieni lok</u>, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.**

**<u>Fit-tielet lok</u>, tilqa' l-ewwel talba tal-atturi.**

**<u>Fir-raba' lok</u>, tilqa' t-tieni talba u tillikwida s-servigi resi mill-atturi lil Giuseppe Lia fl-ammont komplessiv ta' tmint elef tliet mija u hamsin Ewro (€8350).**

**<u>Fil-hames lok</u>, tikkundanna lill-konvenut Anthony Lia sabiex ihallas lill-attrici Angela Cassar is-somma ta' hames mija wiehed u ghoxrin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€521.87), lill-attrici Rosaria Grech is-somma ta' tliet mija u tlettax-il Ewro tnax-il centezmu (€313.12) u lill-atturi Anthony Pulis, Jason Pulis, Maria Teresa Pulis, Ritienne Pulis u Paul Pulis <u>flimkien</u> bhala eredi ta' ommhom Maria Pulis is-somma ta' mitejn u tmien Ewro hamsa u sebghin centezmu (€208.75), bl-imghax legali fuq kull ammont b'effett mil-lum.**

**<u>Fis-sitt lok</u>, tikkundanna lill-konvenut Emanuel Lia sabiex ihallas lill-attrici Angela Cassar is-somma ta' hames mija wiehed u ghoxrin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€521.87), lill-attrici Rosaria Grech is-somma ta' tliet mija u tlettax-il Ewro tnax-il centezmu (€313.12) u lill-atturi Anthony Pulis, Jason Pulis, Maria Teresa Pulis, Ritienne Pulis u Paul Pulis <u>flimkien</u> bhala eredi ta' ommhom Maria Pulis is-somma ta' mitejn u tmien Ewro hamsa u sebghin centezmu (€208.75), bl-imghax legali fuq kull ammont b'effett mil-lum.**

**<u>Fis-seba' lok</u>, tikkundanna lill-konvenut Grezzju Lia sabiex ihallas lill-attrici Angela Cassar is-somma ta'**

**hames mija wiehed u ghoxrin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€521.87), lill-attrici Rosaria Grech is-somma ta' tliet mija u tlettax-il Ewro tnax-il centezmu (€313.12) u lill-atturi Anthony Pulis, Jason Pulis, Maria Teresa Pulis, Ritienne Pulis u Paul Pulis <u>flimkien</u> bhala eredi ta' ommhom Maria Pulis is-somma ta' mitejn u tmien Ewro hamsa u sebghin centezmu (€208.75), bl-imghax legali fuq kull ammont b'effett mil-lum.**

**<u>Fit-tmien lok</u>, tordna, b'applikazzjoni ta' l-Art.223(3) tal-Kap.12, li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------